**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**18 ta' Dicembru 2020**

**Rikors Numru 101/2019**

**Joseph Borg**

**Vs**

**Awtorita` ghat-Trasport f'Malta u Kunsill Lokali Zebbug**

## It-Tribunal,

Ra r-rikors ipprezentat minn **Joseph Borg** ipprezentat fl-14 ta' Ottubru 2019 li permezz tieghu ppremetta s-segwenti:

*"Illi r-rikorrenti jahdem bhala burdnar fil-qasam ta' kostruzzjoni u bhala rizultat huwa sid ta' diversi vetturi bhal track tal-gebel, u zewg vannijiet wiehed bil-high-ups;*

*Illi hu jipparkja dawn il-vetturi f'garaxx sottopost mar-residenza tieghu, 56, Stardust, Triq Andrea Bogdan, Zebbug. It-triq inkwistjoni hija dejqa u bhala rizultat ghandu bzonn li ma jigix permess vetturi jipparkjaw fil-gnub tal-garaxx inkwistjoni u anki faccata. Jekk ikun hemm parking f'dawn iz-zoni jkun impossibbli ghalih sabiex jimmanuvra dawn il-vetturi gewwa u barra mill-garaxx;*

*Illi madwar is-sena 2013, il-Kunsill intimat u l-Awtorita' intimata awtorizzaw li jitpoggew sinjali billi pengew double yellow lines mal-gnub tal-garaxx. Fuq naha wahda metro u n-naha l-ohra tliet metri punt hamsa u ghoxrin (3.25m). Minkejja li ma kellux sinjali faccata tal-garaxx xorta kien ikollu problemi sabiex idahhal u johrog il-vetturi kbar, izda kien jasal sabiex jaghmel dan xorta wahda;*

*Illi madwar erba' xhur ilu l-Awtorita' intimata, ghamel xoghol ta' rikostruzzjoni tat-triq. Parti minn dawn ix-xoghlijiet kienu li wessghu il-bankina, bir-rizultat dieqet. Wara li nghatat it-tarmak, tpingew is-sinjali ezatt bhalma kienu qabel;*

*Illi minghajr l-ebda preavviz fl-ahhar ta' Settembru 2019, jaddiema nehhew parti mil-linji sofor hdejn il-garaxx, billi nehhew ftit aktar minn metro fejn kien hemm qabel tliet metri double yellow lines u spicca li fuq naha wahda ghandu metro u in-naha l-ohra tal-garaxx ghandu anqas minn zewg metri. Bir-rizultat, li huwa impossibbli li r-rikorrenti johrog il-vetturi ghax-xoghol tieghu, jekk ikun hemm vettura pparkjata mal-genb tal-garaxx;*

*Illi r-rikorrenti lmenta mal-Kunsill. Ufficjali tal-Kunsill sempliciment tawh kopja ta' ittra li kienu rcevew mill-Awtorita' intimata (Dok A), fejn gew ordnati sabiex inehhu l-linji sofor. Ir-rikorrenti ma kienx ikkonsultat jew informat b'din id-decizjoni mill-intimati, minkejja li d-decizjoni tolqot direttament lilu;*

*Illi dan l-agir huwa wiehed abbuziv, stante li jaghmilha impossibbli li juza l-garaxx, li r-rikorrenti huwa obbligat li juza ghall-ingenji uzati ghall-kostruzzjoni bhalma hu track tal-gebel;*

*Ghaldaqstant, ir-rikorrenti jitlob lil dan it-Tribunal is-segwenti:*

1. *Tiddikjara d-decizjoni u l-ghemil amministrattiv tal-konvenuti sabiex inehhu d-double yellow lines fi Triq Andrea Bogdan, Zebbug mhuwiex konformi mal-principji ta' mgiba amministrattiva tajba stabbilit fl-Artikolu 3 tal-Kap 490 tal-Ligijiet ta' Malta;*
2. *Tordna l-konvenuti sabiex jergghu jaghmlu l-istess linji fi Triq Andrea Bogdan, Zebbug;*
3. *Tordna lill-konvenuti sabiex jassiguraw li r-rikorrenti jkun jista' juza l-garaxx inkwistjoni ghall-iskop hawn fuq imsemmi."*

Ra r-risposta tal-**Awtorita` intimata** pprezentata fil-11 ta' Novembru 2019 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:

1. *"Illi fl-ewwel lok u fuq bażi preliminari, jiġi rilevat li l-Awtorita' esponenti ġiet imwaqqfa permezz tal-**Att dwar l-Awtorita' għat-Trasport f'Malta, Kap. 499 tal-Liġijiet ta' Malta**, u li l-isem korrett tagħha huwa proprju "Awtorita' għat-Trasport f'Malta" u mhux dak erronjament indikat mir-rikorrenti;*

2. *Illi fit-tieni lok, ukoll fuq bażi preliminari, l-esponenti teċċepixxi n-nuqqas ta' kompetenza ratione materiae ta' dana l-abbli Tribunal, dan stante li din il-kwistjoni mhix naxxenti minn ebda deċiżjoni ta' Bord amministrattiv u effettivament ai termini ta'* **Artikolu 5(2)** *tal-**Kap 490 tal-Liġijiet ta' Malta** jipprovdi testwalmenti illi t-"Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva ma jkollux kompetenza ġenerali li jirrevedi atti amministrattivi li jistgħu jiġu riveduti skont l-*artikolu 469A *tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili";*

3. *Illi mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjoni preliminari ġia eċċepita, deċiżjonijiet dwar it-tiżbiegħ ta'* yellow lines *mhumix meħuda minn ebda tribunal fi ħdan l-awtorita' esponenti u għalhekk mhux applikabbli* **Artikolu 3** *tal-**Kap 490 tal-Liġijiet ta' Malta**;*

4. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, u in linea ta' mertu, l-esponenti tirrileva illi ma jidirx li r-rikorrent għandu l-permess neċċessarju mill-Awtorita' tal-Ippjanar sabiex juża l-garaxx tiegħu għal inġenji u vetturi kbar. Għalhekk ma hemm ebda bażi legali għala r-rikorrent għandu jingħata aktar miż-żewġ metri linji sofor. Għaldaqstant l-Awtorita' esponenti mxiet entro l-parametri tal-awtorita' tagħha u ma aġixxiet b'ebda nuqqas ta' prinċipji amministrattivi.*

*Għaldaqstant, l-Awtorita' esponenti titlob bir-rispett illi dana l-abbli Bord jogħġbu jirrespinġi r-Rikors u t-tabiet tar-rikorrent bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrent."*

Ra illi l-Kunsill Lokali Zebbug debitament notifikat ma pprezenta l-ebda risposta;

Ra illi l-ewwel eccezzjoni giet sorvolata billi permezz ta' digriet datat 8 ta' Jannar 2020 it-Tribunal ordna korrezzjoni fl-okkju;

Ra illi t-tieni u t-tielet eccezzjoni gew sorvolati permezz ta' sentenza preliminari tas-7 ta' Frar 2020;

Ra li r-rikors gie mholli ghal-lum ghas-sentenza finali.

**Ikkunsidra:**

Illi l-ghemil amministrattiv lamentat mir-rikorrenti huwa t-tnehhija parzjali ta' *double yellow lines* minn mal-gnub tal-garaxx tieghu, li mix-xhieda tieghu jirrizulta li jintuza ghall-iggaraxxjar ta' ngenji tal-kostruzzjoni. Illi mid-dokument esebit a fol. 4 tal-process jirrizulta illi l-Awtorita` intimata kienet ordnat lill-Kunsill Lokali ta' Haz-Zebbug biex jiehu dawk il-passi necessarji biex titnehha estensjoni ta' *double yellow lines* minn Triq Andrea Bogdan, Haz-Zebbug stante li dak awtorizzat kien biss linji ta' zewg metri fuq kull naha tal-garaxx in kwistjoni.

**Ir-rikorrent** xehed illi l-garaxx in kwistjoni ilu mibni erbgha u tletin (34) sena, f'liema garaxx huwa jdahhal makkinarju li juza fis-sengha tal-kostruzzjoni. Ghalhekk ghandu bzonn ta' spazju fejn jimmanuvra biex ikun jista' jdahhal l-istess ingenji fil-garaxx tieghu. Jispjega li fl-2012 kien kellem lill-Kunsill Lokali biex jaghmlu linji mal-genb tal-garaxx tieghu sabiex jigi evitat li karozzi jipparkjaw ezatt mal-bieb tal-garaxx, liema talba giet milqugha u l-Kunsill ghamel linji sofor ta' metru fuq kull naha tal-garaxx. Peress li xorta baqa' jsib diffikulta` biex jimmanuvra, fl-2013 talab lill-Kunsill Lokali sabiex itawwal il-linji fuq in-naha tal-bieb tad-dar tieghu, li hija adjacenti ghall-istess garaxx, liema talba giet ukoll milqugha u inzebghu linji ta' 3.25 metri.

Ir-rikorrent ikompli jghid illi xi xhur ilu giet rikostruwita t-triq u l-bankini bir-rizultat li t-triq djieqet minhabba li twessghu il-bankini. Biex ghamlu t-triq, thassru d-*double yellow lines* b'dana illi meta regghu ghamluhom nehhew erba' piedi u erba' pulzieri min-naha tal-bieb tad-dar tieghu biex b'hekk sar impossibbli ghalih li jdahhal u johrog il-vetturi meta jkun hemm vettura ipparkjata quddiem il-bieb tad-dar tieghu.

**Robert Tabone,** in rapprezentanza tal-Kunsill Lokali ta' Haz-Zebbug, stqarr illi qabel ma saret ir-rikostruzzjoni tat-triq, kien hemm linji sofor ta' cirka tliet (3) metri fuq naha minnhom tal-garaxx in kwistjoni. Jispjega li qabel saret it-triq, il-Kunsill Lokali ha r-ritratti biex is-sinjali jergghu isiru kif kienu u prova ta' dan esebixxa ritratt a fol. 77 tal-process. Jispjega li eventwalment is-sinjali regghu saru kif kienu pero` kellhom xi ilmenti minn xi residenti. Ghalhekk il-Kunsill naqqashom bi ftit, wara liema rcevew komunikazzjoni minghand l-Awtorita` intimata biex inaqqsuhom ghal zewg metri biss, u fil-fatt hekk ghamlu. Jispjega li l-Kunsill Lokali kien kiteb lil Transport Malta bid-diffikulta` li kien se jkun hemm jekk jitnaqqsu l-linji sofor u prova ta' dan esebixxa emejl mibghuta minnu stess (a fol. 78). Huwa spjega li kif gew il-linji issa, ir-rikorrent ma jistghax jidhol fil-garaxx tieghu bl-ingenji, specjalment jekk ikun hemm karozzi ipparkjati faccata.

**Il-Perit Antoinette Marie Conti**, *Senior Manager* mal-Awtorita` intimata, spjegat illi hija ma kinitx involuta f'dan il-kaz pero` ghamlet ricerka fil-*files* u *site inspection* u rrizultalha li fl-2011 l-Awtorita` intimata approvat ***"1m double yellow line to be painted on both sides of garage situated next to residence named Stardust in Triq Andrea Bogdan."*** Tispjega li mbaghad wara protest gudizzjarju li sar mir-rikorrent, l-Awtorita` intimata kienet ikkoncediet lill-Kunsill Lokali jimmarka linji sofor fit-tul ta' zewg metri fuq iz-zewg nahat tal-garaxx in kwistjoni. Tispjega li mill-*files* jirrizulta wkoll illi f'Dicembru 2013, il-Perit Susanne Bonello ghall-Awtorita` intimata, kienet bghatet email lill-Kunsill Lokali li permezz taghha l-Kunsill **gie awtorizat jaghmel tliet (3) mentri linji sofor fuq in-naha tax-xellug tal-garaxx u metru (1) linji sofor fuq in-naha tal-lemin**, u dan minghajr pregudizzju ghal kwalunkwe drittijiet ta' terzi.

Ix-xhud tkompli tispjega illi wara li saret ir-rikostruzzjoni tat-triq in kwistjoni u regghu saru l-linji sofor kif kienu qabel, dahal ilment minn terz illi l-istess linji kienu gew estizi ghal quddiem ir-residenza tieghu b'mod li ma setax jipparkja quddiem ir-residenza tieghu stess, fi triq u zona fejn il-parkegg kien gia` limitat. Ghalhekk l-Awtorita` intimata kitbet lill-Kunsill Lokali intimat sabiex jerga' jmur lura ghad-decizjoni ta' Settembru 2013 fejn kien awtorizza biss zewg (2) metri linji sofor u linji faccata tal-garaxx. Tkompli tghid li r-rikorrent m'ghandux permess ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar biex jipparkja trakkijiet fil-garaxx tieghu. Tispjega li jekk wiehed irid idahhal vettura ta' daqs normali ma jkollu ebda problema ta' hrug mill-garaxx.

**Andrew Haig**, *Manager* fi hdan it-*Traffic Management Department* tal-Awtorita` intimata, spjega illi l-konswetudini da parti tal-imsemmija Awtorita` hi li jkun hemm metru fuq kull naha tal-garaxx, madankollu jaghmlu eccezzjonijiet fejn jintwera li jkun hemm bzonn linji sofor itwal. Ghalhekk biex tohloq bilanc,

l-Awtorita` intimata ikkoncediet li jsiru zewg (2) metri linji sofor, apparti linji sofor faccata tal-garaxx.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrent qieghed jappella minn decizjoni tal-Awtorita` intimata u implimentata mill-Kunsill Lokali intimat li permezz taghha tnaqqas it-tul ta' linji sofor li kellu fuq naha tal-garaxx tieghu gewwa Triq Antonio Bogdan, Zebbug.

Illi mill-provi jirrizulta illi sa qabel kien hemm id-decizjoni tal-Awtorita` intimata datata 23 ta' Lulju 2019 (Dok TMX 5 a fol. 87) ir-rikorrent kellu 3.25 metri linji sofor fuq naha wahda tal-garaxx u metru (1) iehor fuq in-naha l-ohra u dan kif jirrizulta mill-email mibghuta minn Robert Tabone lil Andrew Haig (Dok RT2 a fol. 78) u anke mir-ritratt esebit a fol. 77. Illi dan l-arrangament kien ilu hekk wara decizjoni tal-Awtorita` intimata komunikata b'emejl fid-19 ta' Dicembru 2013 lill-Kunsill Lokali, liema decizjoni giet imbaghad implimentata mill-istess Kunsill.

Illi gara illi wara li saret ir-rikostruzzjoni tat-triq u regghu inzebghu il-linji sofor kif kienu qabel, xi resident ilmenta mal-Awtorita` intimata li l-istess linji kienu gew estizi ghal quddiem ir-residenza tieghu b'mod li ma setax jipparkja quddiem l-istess residenza. Ghalhekk l-Awtorita` intimata sostniet illi ppruvat issib bilanc bejn id-diversi interessi tar-residenti, inkluz tar-rikorrent, billi naqqset it-tul tal-istess linji sofor ghal zewg (2) metri.

Illi jirrizulta wkoll illi din l-ahhar decizjoni ta' Lulju 2019 lanqas tirrifletti d-decizjoni ta' meta kienu gew koncessi zewg (2) metri linji sofor fl-2013, u dana ghaliex f'dak iz-zmien kien gie koncess ukoll illi jsiru linji sofor faccata tal-garaxx (Dok TMX7 a fol. 89).

Illi ghalhekk is-sitwazzjoni spiccat biex tnaqqas tul ta' linji sofor minghajr lanqas ma gew maghmula l-linji sofor faccata tal-garaxx in kwistjoni, kif originarjament kien deciz mill-Awtorita` intimata.

Illi t-Tribunal japprezza illi l-Awtorita` intimata kellha tiehu decizjoni li kemm jista' jkun thares l-interessi tar-residenti kollha tat-triq. Illi pero` l-unika raguni li gabet biex issostni d-decizjoni taghhaq kienet li kien tressaq ilment li resident ma setghax jipparkja quddiem ir-residenza tieghu fi triq u zona fejn kien hemm parkegg limitat. B'hekk hadet id-decizjoni appellata u rrendiet id-dhul tar-rikorrent bl-ingenji tieghu fil-garaxx impossibbli jew kwazi impossibbli.

Illi l-Qorti tinnota illi t-3.25 metri linji sofor jestendu ghal quddiem il-koxxa tal-garaxx adjacenti ghar-residenza tal-imputat. Illi dan it-terz jirrizulta li jippretendi

li dawn il-linji m'ghandhomx jestendu sa quddiem il-koxxa tal-garaxx tieghu sabiex ikun jista' jipparkja quddiem l-istess garaxx. Illi minn Dokument JB16 a fol. 63 tal-process jirrizulta illi jekk ir-resident tal-garaxx biswit ir-residenza tar-rikorrent irid jipparkja vettura dan jista' jaghmlu quddiem il-bieb tal-garaxx tieghu peress li hemm bizzejjed wisgha biex jaghmel dan u dan nonostante t-3.25 metri linji sofor bejn il-garaxx tar-rikorrent u l-bidu tal-garaxx tieghu u dan naturalment anke meta wiehed jiehu in konsiderazzjoni illi man-naha l-ohra tal-garaxx tat-terz jistghu isiru wkoll, jekk ghadu ma hemmx, linji sofor. Illi t-Tribunal isostni li t-triq hija wahda pubblika u hadd m'ghandu xi dritt sagrosant li jipparkja ezattament quddiem il-bieb tad-dar tieghu. L-uniku haga li hija essenzjali fi triq pubblika hija li min ghandu garaxx ikun jista' jaghmel uzu minnu ghall-htigijiet tieghu. Bil-linji kif kienu, u cioe` ta' 3.25 metri ma jirrizultax illi kien qieghed jinholoq xi pregudizzju ghat-terz biex idahhal u johrog il-vettura tieghu mill-garaxx. Kwindi t-terzi jista' jippretendi li jkollu access liberu ghall-garaxx tieghu pero` mhux li haddiehor ma jkunx jista' jimmanuvra l-vetturi tieghu biex johroghom u jdahhalhom fil-garaxx sabiex huwa jkunu jista' jipparkja ezattament quddiem il-garaxx tieghu, liema haga fl-opinjoni ta' dan it-Tribunal xorta jista' jaghmilha ghaliex hemm tul bizzejjed li wiehed jaghmel dan jekk huwa wkoll ikollha sinjali fuq in-naha l-ohra tal-garaxx tieghu.

Illi ghaldaqstant it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-Awtorita` intimata hadet in konsiderazzjoni cirkostanzi irrilevanti biex waslet ghad-decizjoni taghha li tnaqqas il-linji sofor in kwistjoni. Bid-decizjoni taghha l-Awtorita` intimata holqot pregudizzju kbir ghar-rikorrent biex agevolat terz li lmenta u li certament ma kienx se jsofri l-pregudizzju li sofra r-rikorrent. Illi dan it-Tribunal jirrileva illi l-permessi *o meno* tal-garaxx in kwistjoni ma jiccentraw xejn mad-decizjoni appellata ghaliex din ittiehdet unikament minhabba lment ta' terz li ried jipparkja quddiem ir-residenza tieghu

Ghaldaqstant it-Tribunal iqis illi d-decizjoni tal-Awtorita` intimata li tnaqqas il-linji sofor in kwistjoni kienet wahda zbaljata u ttiehdet abbazi ta' konsiderazzjonijiet soggettivi. Illi pero` t-Tribunal ma jsibx xi nuqqas fl-ghemil tal-Kunsill Lokali intimat stante li dan kellu bilfors jimxi mal-ordnijiet moghtija lilu mill-Awtorita` intimata. Jirrizulta wkoll illi l-Kunsill Lokali intimat kellu kull intenzjoni li jhalli l-linji sofor kif kienu, tant li qabel inqalghat it-triq huwa ha r-ritratti kif kienu l-linji sofor sabiex jerga' jizboghhom ezattament kif kienu. Huwa veru li wara lmenti minn residenti kien naqqashom bi ftit, pero` d-decizjoni tal-Awtorita` intimata ippregudikat b'mod totali lir-rikorrent milli jkun jista' jaghmel uzu mill-garaxx tieghu sabiex idahhal u johrog l-ingenji tieghu.

Illi finalment it-Tribunal jirrileva illi huwa ghandu l-kompetenza biss li jannulla d-decizjoni appellata. It-Tribunal m'ghandhux kompetenza li jordna li jergghu isiru l-istess linji fit-triq in kwistjoni sabiex ir-rikorrent ikun jista' jerga' jibda

juza l-garaxx tieghu kif kien jaghmel qabel giet implimentata d-decizjoni appellata. Madankollu dan it-Tribunal jawspika li minkejja li ma jistghax jaghmel tali ordnijiet, l-awtoritajiet pubblici isegwu dak enuncjat fis-sentenzi ta' dan it-Tribunal sabiex jigu rimedjati sitwazzjonijiet li jkunu holqu pregudizzju ghal min ikun intavola appell quddiemu.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, it-Tribunal, ghar-ragunijiet hawn fuq esposti u fil-limiti ta' dak hawn fuq enuncjat, qieghed jannulla d-decizjoni appellata filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet l-ohra kollha tal-Awtorita` intimata.

Bl-ispejjez kontra l-Awtorita` intimata.

**Magistrat Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**